xert 77

Fit-Tribunal Ta' Reviżjoni Tal-Ambjent u L-Ippjanar

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
07 MAR 2018
St. Francis Ditch
FLORIANA

**Nru tal-Permess [ERA]:**
**WM 00006/14/A**

**Riferenza tal-Ordni:**
**OWK 00001/18**

**Green MT Limited**

**vs**

**Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi**

**Data tal-Ordni: 22 ta' Frar 2018**

**Rikors tal-Appell tas-soċjetà Green MT Limited:**
**Tesponi reverentement:**

1. Illi konteswalment ma dan l-appell, ir-rikorrenti qeghda tinterponi appell iehor minn deċiżjoni datata l-15 ta' Frar 2018 li permezz taghha l-Awtorità Appellata kkomunikat lis-soċjetà appellanti illi kienet qed talloka numru ta' Kunsilli Lokali senjatament Kerċem, Għarb, Fontana, San Lawrenz, Għasri, Żebbuġ, Munxar u Senglea lill-istess soċjetà appellanti u dan permezz tal-interpretazzjoni mogħtija mill-Awtorità appellata tar-regolament 13 (7) tar-Regolamenti Dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart;

2. Illi sussegwentement fit-22 ta' Frar 2018, l-Awtorita' Appellata baghtet Ordni a tenur tal-Artikoli 74, 76, 77 u 79 tal-Att tal-2106 dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kopja hawn annessa bhala Dok B);

3. Illi ghall-integrita' tal-gudizzju, l-appellanti qeghdha tinterponi zewg appelli kemm mid-decizjoni tal-15 ta' Frar 2018 kif ukoll dak odjern mill-Ordni imsemmija tat-22 ta' Frar 2018;

4. Illi l-fatti li wasslu sabiex ittiehdu kemm dik id-decizjoni tal-15 ta' Frar 2018 kif ukoll l-Ordni tat-22 ta' Frar 2018 kienu s-segwenti:

5. Illi l-Ordni mahruġa fit-22 ta' Frar 2018 li minnha qed jiġi interpost dan l-Aapell kienet tikkonsisti fi-segwenti:

*"Ksur tar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-manigjar tal-Iskart (L.S. 594.43) billi:*

*Mhux tosserva l-obbligi tieghek skont il-provedimenti ta' regolament 13(7) kif ordnat fl-ittra mibghuta lilek ddata 15 ta' Frar 2018"*

6. Illi l-Avviż Legali 227 tal-2017 li ġie ppubblikat fit-12 ta' Settembru 2017, introduċa s-segwenti emenda lir-regolament 13 (7) tar-Regolamenti Dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart:

*"Iżda ukoll li meta l-iskemi awtorizzati ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar jonqsu milli jaslu għal qbil ma' Kunsilli Lokali partikolari, l-awtorità kompetenti għandha talloka lil dawk il-Kunsilli Lokali mingħajr arranġamenti fost l-iskemi awtorizzati ta' rkupru ta' skart tal-ippakkjar fuq il-bażi tal-piż medju tal-ippakkjar jew tal-materjal tal-ippakkjar imqiegħed fis-suq mill-iskemi u d-demografiċi attwali ta' dawk il-Kunsilli Lokali mingħajr arranġamenti."*

7. Illi s-soċjetà appellanti hija skema awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar li għalhekk koperta bil-permess numru WM 00006/14/A, hija soġġetta għar-regolamenti ċitati;

8. Illi fil-ġranet qabel ma tħabbret id-deċiżjoni msemmija saret laqgħa bejn is-soċjetà appellanti u l-Awtorità appellata, waqt liema laqgħa s-soċjetà appellanti spjegat fid-dettall u saħansitra pprovdiet dokumenti in sostenn tal-argumenti tagħha, li fl-aħħar kwart tas-sena 2017 naqsu xi membri produtturi tal-iskema ossija soċjetà appellanti b'riżultat illi l-ammont ta' materjal tal-ippakkjar li tqiegħed fuq is-suq mill-membri tal-iskema appellanti naqas b'mod sostanzjali. Dan wassal sabiex l-obbligu statutorju tal-iskema appellanti sabiex tiġbor l-iskart tal-ippakkjar tal-konsumatur permezz tal-ġbir bieb bieb kif ukoll permezz tal-provediment ta' bring-in sites għall-ġbir separat naqas b'mod proporzjonat;

9. Illi konsegwentement kif kellha kull dritt li tagħmel l-appellanti, rat liema kunsilli lokali li kienet qed tagħmel il-ġabra tal-iskart riċikabbli bieb bieb kif ukoll il-provvediment tal-bring in sites, liema kunsilli ma kellhomx arranġament in vigore jew f'każ li kien hemm arranġament fis-seħħ, l-

appellanti bagħtet avviż ta' terminazzjoni. Dan wassal sabiex l-Awtorità appellata intervjeniet u talbet laqgħa urġenti kif imsemmi aktar 'il fuq.

10. Illi r-remit tal-Awtorità appellata huwa limitat sabiex talloka dawk il-Kunsilli **minghajr arranġament** u ghalhekk b'decizjoni arbitrarja wahda, minghajr ma dahlet fl-ebda demografika jew metotologija ohra, ordnat li dawk il-Kunsilli li l-iskema appellanti kienet ghada kif waqqfet ergo li gew bla arrangament, regghet tefghethom f'hogorha, spejjez taghha minghajr l-icken kejl ta' ekwita jew proporzjonalita'.

L-Appell odjern

11. Illi n-natura ta' dan l-appell hija waħda ta' żball proċedurali materjali peress li permezz tad-deċiżjoni u l-Ordni sussegwenti li minnha qed jiġi intavolat dan l-appell, senjatament permezz ta' metodoloġija ħażina jew sproporzjonata, l-iskema appellanti qed issofri u ser tibqa' ssofri preġudizzju li jista' jkun saħansitra rrimedjabbli, konsistenti f'impożizzjoni arbitrarja da parte tal-Awtorità appellata ta' spejjeż li qed jiġu inkorsi mill-iskema appellanti konsistenti fil-ħlas għall-ġbir tal-iskart riċikabbli bieb bieb kif ukoll il-provvediment tal-bring in sites lil dawk il-kunsilli indikati fid-deċiżjoni appellata u dan kif ser jirriżulta ampjament waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell;

12. Illi fl-emenda suċitata tar-Regolamenti Dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart, l-Awotirtà Appellata għandha d-dritt li talloka kunsilli mingħajr arranġamenti fost iż-żewġ skemi awtorizzati (l-Appellanti u skema oħra f'pajjiżna) fuq il-bażi tal-piż medju tal-ippakkjar jew tal-materjal tal-ippakkjar imqiegħed fis-suq mill-membri produtturi tal-iskemi, u d-demografiċi attwali ta' dawk il-kunsilli;

13. Illi l-Appellanti umilment tissottometti illi l-metodoloġija użata mill-Awtorità appellata mhijiex waħda ekwa u ġusta kif titlob id-dispożizzjoni tal-liġi bil-konsegwenzi allarmanti msemmija aktar 'il fuq u naxxenti mid-demografiċi attwali;

Għaldaqstant l-iskema appellanti titlob lil dana l-Onorabbli Tribunal jogħġbu, għar-raġunijiet esposti u wara li jisma' l-provi prodotti waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, jvarja d-deċiżjoni tal-Awtorità Appellata tal-15 ta' Frar 2018 u minflok jalloka dawk il-Kunsilli Lokali mingħajr arranġamenti lill-iskema appellanti b'metodologija ekwa bbażata fuq il-piż medju tal-ippakkjar jew tal-materjal tal-ippakkjar imqiegħed fis-suq mill-membri tagħha kif ukoll

abbażi tad-demografiċi attwali ta' dawk il-Kunsilli Lokali mingħajr arranġamenti, u konsegwentement tharras u tirrevoka l-ordni tat-22 ta' Frar 2018 maħrug kontra l-Appellanti.

Bl-Ispejjez.

**JAN-KARL FARRUGIA LL.D.**
FARRUGIA LAW ADVOCATES,
221B, TRIQ IR-REPUBBLIKA,
VALLETTA

| | |
|---|---|
| APPELLANTI: | THE GREEN HUB, TRIQ VALLETTA L-QADIMA, MQABBA |
| APPELLATA: | ERA, HEXAGON HOUSE, SPENCER HILL, MARSA |